# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 786/15MH**

**Illum 22 ta' Marzu, 2017**

**Susan Busuttil (K.I. 123762M)**

**vs**

**Saviour Busuttil (K.I. 456665M) f'ismu proprju u bhala rapprezentant ta' Salvu Busuttil Construction u Simsal Properties Ltd (C35844) u C.J. Shipping Ltd (C46751)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attrici** tas-17 ta' Awissu 2015 permezz ta'liema gie premess hekk:

*"Illi l-esponenti talbiet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha milli titrasferixxi l-ishma fi kwalunkwe mod, tas-socjetajiet intimati Simsal Properties Ltd. (C35844), C.J. Shipping Ltd (C46751) u l-intimat Saviour Busuttil proprju u bhala rapprezentant ta' Salvu Busuttil Construction, kif ukoll sabiex jzomm l-istess intimati milli jittrasferixxu*

*bi kwalunkwe titolu onerus u gratwit l-assi immobbli tal-istess socjetajiet intimati u tal-intimat.*

*Illi l-esponenti ukoll talbiet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fuq mobbli appartenenti lill-kommunjoni tal-akkwisti.*

*Illi l-istess mandat gie kkonfermat b'digriet taghha tal-31 ta' Lulju, 2015, kopja ta' liema digriet qed jigi hawn anness* u mmarkat bhala Dokument A.

*Illi l-esponenti fethet il-kawza ta' separazzjoni kontra zewgha l-intimat.*

*Illi dawn l-assi, kemm mobbli u immmobbli, jiffurmaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti u sakemm jibqa' fis-sehh il-mandat il-jeddijiet taghha mhumiex pregudikati.*

*Illi dan il-mandat ghandu jibqa' fis-sehh tul il-mori tal-proceduri ta' separazzjoni u sakemm dawn isiru res judicata.*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobgha, filwaqt li tikkonferma d-digriet taghha tal-31 ta' Lulju, 2015, ghandha zzomm fis-sehh l-istess mandat in vista tal-proceduri ta' separazzjoni u sakemm din isir res judicata, peress illi l-mertu tal-mandat ta' inibizzjoni jifforma parti sostanzjali mill-komunjoni tal-akkwisti".*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat;

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenut Saviour Busuttil pro et noe** tad-9 ta' Dicembru 2015[1] li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

*"1. Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, l-esponent jissottometti illi l-attrici ghandha minn issa tiddikjara x'tip ta' azzjoni qed tivvanta u taħt liema artikoli tal-liġi qed issejjes tali azzjoni;*

*2. Illi assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jissottometti illi kif stqarret ir-rikorrenti innifisha, bhalissa ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali; madanakollu ghal ragunijiet li tafhom hi biss, hija intavolat il-mandat ta' inibizzjoni u l-kawza odjerna biex tikkawtela sehma mill-komunjoni tal-akkwisti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Bir-rispett, ghal darb'ohra jigi sottomess, illi l-mandat ta' inibizzjoni li ppreceda l-kawza odjerna, ma seta' qatt jigi intavolat quddiem din l-Onorabbli Qorti, izda kellu jigi intavolat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u ghaldaqstant jigi bir-rispett sottomess illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex kompetenza li tisma' u tiddeciedi dan il-mertu;*

*3. Illi minghajr pregudizzju u dwar il-mertu, l-esponent jissottometti illi l-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju li l-attrici qed tipprova zzomm ferm permezz tar-rikors guramentat odjern, qed johloq pregudizzju serju kemm lill-esponent izda anke lill-komunjoni tal-akkwisti. Permezz tal-mandat ta' inibizzjoni, l-attrici waqqfet lill-esponent mill-operat tieghu, kemm fir-rigward tan-negozju li huwa ghandu bi shab ma' terz, kif ukoll personalment; tant li llum huwa prekluz milli jkompli bin-negozju tieghu;*

*4. Illi effettivament nofs il-kumpanija Simsal Properties Limited hija tal-esponent; in-nofs l-iehor huwa ta' Paul Micallef li huwa l-business partner tal-esponent; m'hemmx kontestazzjoni illi n-nofs tal-kumpanija li tappartjeni lill-esponent, effettivament tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti;*

[1] Fol 29

*5. Illi minhabba l-agir irresponsabbli tal-intimata, l-esponent gie anke prekluz milli jkompli jhallas id-djun kbar li l-konjugi Busuttil ghandhom mal-HSBC Bank Malta plc. Bizzejjed jinghad illi l-partijiet ghandhom dejn ta' Eur 240,000 u dana oltre l-imghaxijiet u l-penalitajiet li qed jehlu ta' kuljum u dan kif jirrizulta mix-xhieda moghtija mir-Rapprezentant tal-HSBC Bank quddiem din l-Onorabnbli Qorti, diversament preseduta;*

*6. Illi kif ser jirrizulta ampjament fil-mori tal-kawza u kif anke jirrizulta mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1854/14JPG, nhar id-9 ta' Dicembru 2014, is-socjeta` Simsal Properties Limited dahlet f'konvenju ma' Charlot Busuttil biex isir il-bejgh t'appartament, li jinsab fi blokka bin-numru 40/42, Janaire fi Triq l-Isqof Ferdinand Mattei, Zejtun, versu l-prezz ta' Eur 97,000;*

*7. Illi stante li l-konjugi Busuttil ghandhom loans f'ammonti konsiderevoli, meta l-HSBC Bank li mieghu ghandhom l-loan sar jaf li ser isir tali trasferiment, kien baghat ittra fejn informahom li huwa ser jirilaxxa l-propjeta` mill-ipoteki, jekk nofs ir-rikavat, fl-ammont ta' Eur 48,500, u cioe` dak li jappartjeni l-konjugi Busuttil, jigi mhallas lura lill-Bank biex jinqatghu l-loans li huma ghandhom mal-istess bank;*

*8. Illi madanakollu, purament ghal raguni ta' pika, ir-rikorrenti qed tinsisti li ma taghtix il-kunsens taghha biex l-imsemmi appartament jigi rilaxxat u dana minkejja li hemm obbligazzjoni kontrattwali ma' terz li jekk mhix ser tigi onorata, ser tesponi lill-kumpanija u lill-konjugi Busuttil personalment, ghal danni kbar u fil-fatt l-imsemmi terz diga' pprosegwa kontra l-konjugi Busuttil permezz ta' diversi ittri legali;*

*9. Illi di piu`, rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc anke spjega quddiem dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, illi jekk dan il-bejgh mhux se jsir, hemm riskju li l-Bank ser jaqbad il-propjeta` matrimonjali tal-konjugi Busuttil u jbiegha bis-subbasta u dan stante li l-istess propjeta` qed taghmel tajjeb ghad-dejn kollu tal-partijiet;*

*Għaldaqstant għar-ragunijiet fuq kollha esposti, l-esponent jopponi għat-talba kif dedotta fir-rikors guramentat odjern.*

*Finalment l-esponent jopponi wkoll għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kontra r-rikorrenti li hija minn issa ingunta in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata;

Rat l-affidavits imressqa mill-attrici u d-dokumenti annessi;

Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut;

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub u dawk verbali kif ukoll id-dokumenti esibiti mill-partijiet fir-rigward ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-attrici hija mizzewga lill-konvenut Saviour Busuttil u prezentament ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni bejniethom.

Fil-31 ta' Lulju 2015 l-attrici odjerna ottjeniet a favur taghha l-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni Nru 1854/14 kontra zewgha *pro et noe* sabiex huwa jitwaqqaf milli jitrasferixxi l-ishma, l-assi mmobbli u mobbli hemm indikati u dan sabiex tipprotegi l-jeddijiet taghha fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba taghha wara li qieset li "*n-nuqqas ta' hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni mitlub jista' jwassal ghal pregudizzju gravi u hsara rrimedjabbli 'l ghaliex l-assi tal-komunjoni jistghu jigu ridotti ghax-xejn*

*fil-mori tal-kawza ta' separazzjoni sas-sentenza finali, bil-konsegwenza illi f'gheluq is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, sehem l-attrici tal-komunjoni tal-akkwisti jkun serjament zvalutat*[2]*."*

Sussegwentement, l-attrici odjerna ntavolat dawn il-proceduri fejn qeghda titlob **il-konferma u z-zamma fis-sehh ta' tali mandat** sakemm il-proceduri ta' separazzjoni pendenti bejn il-konjugi Busuttil isiru *res judicata* u dan peress li fil-fehma taghha l-mertu tal-Mandat imsemmi jifforma parti sostanzjali mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghall-attrici, jekk ma jibqax fis-sehh dan il-Mandat fil-kors kollu tal-kawza ta' separazzjoni msemmija, il-jeddijiet taghha fuq il-komunjoni tal-akkwisti sejrin jigu pregudikati.

Minn naha l-ohra l-konvenut *pro et noe* oppona ghat-talbiet attrici billi fost ohrajn ressaq zewg eccezzjonijiet preliminari li huma l-qofol tas-sentenza tal-lum.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari**

Din l-eccezzjoni tghid hekk:

*"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponent jissottometti illi l-attrici ghandha minn issa tiddikjara x'tip ta' azzjoni qed tivvanta u taht liema artikoli tal-ligi qed issejjes tali azzjoni;"*

L-attrici twiegeb illi bil-kawza odjerna hija ezercitat id-dritt moghti lilha bil-ligi a tenur tal-artikolu 843 (1) u (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jezigi li min jottjeni hrug ta' Mandat kawtelatorju favurih jiftah kawza ghall-jedd imsemmi fil-Mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tieghu.

Bhala fatt jirrizulta li l-proceduri odjerni gew istitwiti fis-17 t'Awissu 2015 u ghalhekk sbatax il-gurnata wara li gie akkordat il-hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni Nru 1854/2014.

[2] Fol 14

Il-pozizzjonijet tal-partijiet jikkontrastaw sew fir-rigward tan-natura tal-azzjoni kif imressqa mill-attrici.

L-attrici tinsisti li l-bazi tat-talbiet taghha hija sabiex tafferma u tezercita d-dritt sostantiv taghha u cioe' li twaqqaf lill-konvenuti milli jitrasferixxu l-ishma jew l-assi sakemm il-proceduri ta' separazzjoni jkunu finalizzati. Ghalhekk fil-fehma taghha, proceduralment mhijiex qed titlob xi hrug ta' Mandat permanenti u filwaqt li hija fethet kawza ta' separazzjoni kontra zewgha ghall-eventwali likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, hija kellha tiftah ukoll il-kawza odjerna ghall-konferma tal-Mandat kontra l-konvenuti sakemm jintemmu l-proceduri l-ohra.

Ghall-kuntrarju l-konvenut jargumenta li bl-azzjoni odjerna l-attrici qeghda tittenta tottjeni l-konferma tal-Mandat 1854/14 b'mod perpetwu, azzjoni li mhix guridikament possibbli. Huwa jsostni li t-talba proposta fil-kawza odjerna hija inutli ghaliex il-kawza pendenti ta' separazzjoni bejn il-konjugi Busuttil diga' tissana u zzomm in vigore l-Mandat t'Inibizzjoni in kwistjoni.

Il-Qorti evalwat il-principji legali u gurisprudenzjali applikabbli ghall-kaz.

Huwa car li kawza b'talba unika sabiex mandat kawtelatorju jigi kkonfermat b'mod perpetwu ma tistax tirnexxi. Kif intqal fost ohrajn fil-kaz **Panorama Company Limited vs Enemalta Corporation deciza fl-14 ta' Frar 2013**[3] **-**

*"Dwar talba ta` din ix-xorta, kien deciz hekk fil-kawza "**Carmela sive Lina Aquilina vs Francis X. Aquilina noe.et.**" (Qorti tal-Appell - 27 ta' Novembru 1991):*

*"Kull mandat kawtelatorju, min-natura tieghu stess, ghandu validita' u hajja sakemm u biex il-kreditur ikollu l-opportunita' li jikkonkretizza il-kreditu tieghu b'titolu ezekuttiv - li (ukoll isem mieghu) jippermettilu jesegwixxi l-kreditu u b'hekk ma jkollux bzonn aktar ta' kawtela." Dik il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet li*

[3] Cit Nru 1552/01

*"Il-ligi ma tikkontemplax il-possibilita' ta' mandat kawtelatorju permanenti- kif timplika il-pretensjoni attrici."*

*Kien ghalhekk li saret distinzjoni bejn "id-dritt ta' kawtela - cioe' id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat. Dawn huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed, kif qed tghid l-attrici.- Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m'huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat".*

*Il-Qorti ghamlet riferenza ghall-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li timponi terminu perentorju "ghal jedd imsemmi fil-mandat "u "Jekk ir-rikorrent jonqos milli jaghmel il-kawza minghajr raguni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa ikun responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha."*

*Tajjeb irriteniet dik l-Onorabbli Qorti li ic-citazzjoni ma tissoddisfax il-vot ta' dan l-artikolu jekk ma ssirx kawza biex tirrealizza id-drittijiet hemm kawtelati imma sempliciment issir talba biss ghall-konferma tal-mandat.*

*Fil-kawza "**Sullivan vs Stivala et**" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta` Marzu 1992, kienet saret talba semplicement sabiex jigi kkonfermat il-mandat kawtelatorju. Hemm il-Qorti qalet li ma hemm l-ebda fondament legali sabiex tintalab tali konferma stante li "il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b'citazzjoni, li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti u mhux ma rikonferma ta' digriet gja' moghti fil-kaz tal-mandat jew mandati."*

*Kull meta saru talbiet sabiex jigi kkonfermat in perpetwu mandat ta' inibizzjoni "**sic et simpliciter**" il-linja traccjata mill-Qrati taghna kienet dik ta` cahda ghar-raguni li filwaqt li l-mandat johrog ghaliex ikun jirrizulta dritt "prima facie" fil-kawza tkun trid issir talba ghall-pronunzjament gudizzjarju dwar il-mertu tad-dritt innifsu. ("Giordmaina **vs Giordmaina**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili (GV) – 7 ta` Novembru 1995; "**Axisa vs Patiniott**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili (M) – 21 ta' Marzu 1996; u "**Cuschieri vs Grech noe**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili (GV) – 9 ta` Jannar 1997).*

*Fil-kawza "**Cassar vs Mallia**" (Prim`Awla tal-Qorti Civili (JF) – 22 ta` Mejju 1995) inghad hekk – "Li kieku l-attur strah u llimita ruhu ghall-ewwel talba*

*biss (konferma b'mod definittiv tal-Mandat ta' Inibizzjoni), allura il-konvenut kien ikollu ragun li jeccepixxi n-nullita` tal-azzjoni attrici. F'dan is-sens ukoll inghataw is-sentenzi citati mill-konvenut bhal "***Sullivan vs Stivala et***" (13 ta'Marzu 1992 P.A.) u "***Galea vs Gauci***" (4 t'Ottubru 1993)."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis li bhala fatt, huwa veru li l-attrici mhix qed titlob il-konferma tal-Mandat t'Inibizzjoni b'mod permanenti, izda biss sakemm jigu konkluzi definittivament il-proceduri ta' separazzjoni.

B'danakollu ma jfissirx li l-azzjoni attrici f'dawn il-proceduri hija ankrata fil-ligi. Dan ghaliex kawza ta' din ix-xorta li ssegwi l-hrug ta' Mandat t'inibizzjoni necessarjament trid tkun wahda li permezz taghha tfittex li **tasserixxi d-dritt sostantiv innifsu** u mhux sempliciment il-kawtela tieghu anke jekk ghal zmien temporanju.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz fl-ismijiet **Maryanne Gauci vs Anthony Gauci deciza fis-27 ta' Jannar 2005** (Cit Nru 208/99) –

*"Illi fid-dawl ta' dawn id-decizjonijiet inghatat is-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et"** (P.A. (R.C.P) 4 ta' Marzu 1999) fejn gew amplifikati u applikati l-istess principji tant li inghad li jirrizulta ghahekk li sabiex wiehed jiddeciedi fuq tali natura ta' talbiet irid jigi ezaminat n-natura ezatta ta' l-azzjoni ittentata, u jekk bit-talbiet li jsiru, supplimentati mill-premessi ta' l-istess citazzjoni, l-attur ikunx qieghed jitlob l-affermazzjoni u esercitazzjoni tad-dritt sostantiv li ghandu, jew inkella jkunx merament qed jagixxi proceduralment biss, mhux ghall-asserzjoni ta' l-istess dritt sostantiv, izda ghall-kawtela tieghu.*

*Illi fl-ewwel kaz ovvjament it-talba tieghu tigi ikkunsidrata bhala valida ai termini ta' l-**artikolu 843**, (salv il-prova taghha), filwaqt li fit-tieni ipotesi tali talba ma hijiex permessa mill-ligi, ghas-semplici raguni li ma tezisti ebda azzjoni ghall-kawtela permanenti u perpetwa tad-drittijiet ut sic fl-astratt, kif lanqas tezisti ebda azzjoni sabiex mandat kawtelatorju jigi estiz permanentament jekk mhux bil-prova u asserzjoni tad-dritt sustantiv innifsu.*

*Illi fil-fatt hekk tispjega ruhha d-differenza bejn l-insenjamenti tal-kawza fuq citata **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** tas-27 ta' Novembru 1991 u dik tas-sentenza **"Alfred Cassar vs John Mallia"** tat-22 ta' Mejju 1995 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (J.F), u d-diversi sentenzi fuq citati li jaqghu taht branka jew ohra ta' l-istess.*

*Illi ghalhekk il-gurisprudenza hija kostanti f'dan ir-rigward u stabbiliet konsistentament illi:-*

*(a) Talba sabiex mandat ta' inibizzjoni jigi kkonfermat in perpetwita' ma hijiex ammissibbli skond il-ligi taghna u senjatament kontra id-dispozizzjonijiet ta' l-* ***artikolu 843 tal-Kap 12.***

*(b) Illi wara kull mandat ta' inibizzjoni, fit-terminu preskritt skond l-istess* ***artikolu 843 tal-Kap 12*** *ghandha ssir citazzjoni ghall-jedd imsemmi u kawtelat fil-mandat.*

*(c) Illi it-talbiet ghal tali konsegwiment u asserzjoni tal-jedd sostantiv ivarjaw skond id-dritt li jrid jigi vantat, u jista' jimporta talba sabiex il-konvenut jigi inibit milli jaghmel xi haga lill-attur, proprio minhabba id-dritt sostantiv ta' l-attur vantat u ezercitat fl-istess citazzjoni. (vide **"Cassar vs Mallia"** u **"D. Camilleri vs J. Camilleri"** fuq citati)."*

Fil-kaz **Innocent Farrugia et vs Godwin Duca et deciz fit-2 ta'Lulju 2008**[4] il-Qorti kompliet hekk –

*Illi l-eżistenza kontinwata ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni ma jirrispettax il-vot tal-Liġi fejn il-leġislatur ried illi kull mandat kawtelatorju jiġi segwit b'kawża dwar il-mertu tal-jedd li abbażi tiegħu jkun inħareġ dak il-Mandat għaliex fin-nuqqas (f'dan il-każ) ikun hemm lezjoni serjissima ta' drittijiet u l-allegazzjonijiet li għamlet Angelina Schembri għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-Kumpannija ser jibqgħu dejjem dawk li huma: allegazzjonijiet mhux provati ħlief fuq bażi prima facie li ċertament ma huwiex il-grad ta' prova li l-Leġislatur ried illi jiddetermina jeddijiet u obbligi ċivili.*

[4] Rik Nru 359/08

*Fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif preseduta fit-3 t'April 2008 fl-ismijiet* ***Joe Cortis noe vs Direttur tax-Xoghlijiet*** *(Cit. Nru. 1574/94FS) inghad –*

*"Jinghad li t-talba tal-attur ma kellhiex tkun ghall-konferma tal-mandat, ghax il-konferma tal-mandat terga' twassal biss ghar-rikonoxximent ta dak li kien intalab li jigi dikjarat* ***"prima facie"*** *tar-rimedju temporanju kawtelatorju. Il-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni ma tistax tifforma mertu ta' decide peress li l-Qorti fid-decizjoni taghha mhux tikkonferma, izda tiddecidi – Ara Prim' Awla fl-ismijiet* ***Joseph Tonna vs John Mamo*** *deciza 30/9/1987. L-attur kellu jitlob li jigi dikjarat li ghandu dan il-jedd, id-dritt sostantiv tieghu. L-attur jistitwixxi l-kawza biex jasserixxi l-jedd imsemmi fil-mandat. Fil-fatt fil-kaz in ezami ma hemm l-ebda talba mill-attur sabiex jigi dikjarat sid tal-art mertu tal-kawza; kien hemm biss l-allegazzjoni da parti tieghu li huwa proprjetarju tal-art in kwistjoni[5]."*

Dan il-hsieb gie b'mod ferm elokwenti espost fid-decizzjoni fl-ismijiet **Joe Cortis nom vs Direttur tax-xogholijiet et.** *tat-3 ta' April, 2008[6] :*

*F'sentenza simili ghall-kaz odjern, gie ritenut fil-kawza* ***Adrian De Haan noe vs Dott. Tonio Farrugia et noe*** *Appell tal-5 ta' Ottubru 1998;*

*"Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti tirrileva li l-attur naqas li jipproponi l-kawza fuq id-dritt li jrid u seta' jipprotegi wara li ottjena l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. B'hekk, minflok talab li jigi dikjarat li ghandu dan il-jedd, id-dritt sostantiv tieghu, l-attur talab lill-Qorti biex testendi indefinittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni – dritt procedurali. Dawn huma zewg drittijiet separati u dinstinti li mghandhomx jitfixklu bejniethom. Il-ligi ma tikkontemplax il-possibilita` ta' mandat kawtelatorju permanenti."*

………

*Fl-istess sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Connie mart Anthony Galea vs Joseph Gauci*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1997 [li kkonfermat is-sentenzatal-PA (AJM) tal-4 ta' Ottubru 1993 li kienet qalet: "tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat*

---

[5] Sottolinear b'enfasi tal-Qorti

[6] Citaz. Nru. 1576/1994/1.

*minghajr ma jigi stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li rrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat".*

*Gie ribadit fil-kaz* ***Saviour Borg vs Giljan Aquilina et*** *deciz amill-Prim' Awla Qorti Civili fit-12 ta' Frar 1988;*

*"Id-digriet li jammetti t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, la huwa digriet definittiv u lanqas ma' jista' jigi kkunsidrat bhala digriet interlokutorju. Dak id-digriet la huwa definittiv u lanqas interlokutorju, izda jifforma parti biss mill-atti tal-mandat relattiv, u mhux mill-atti tal-kawza, u ezawrixxa ruhu bil-hrug tal-mandat."*

*Ara wkoll sentenzi fil-kawzi* ***George Giordmaina vs Kristinu Giordmaina*** *(P.A. (GV) 7 ta' Novembru 1995),* ***Simon Debono vs HSBC Bank Malta*** *(P.A. [RCP]);* ***Michael Axisa vs Grazio Patiniott*** *P.A. 21 ta' Marzu 1996;* ***Anthony Abdilla et vs Emaniel Deguara et [PA]*** *(R.C.P.) 4 ta' Marzu 1999;* ***Louis Cuschieri vs Dr. John C. Grech nomine*** *(P.A.)(G.V.) tad-9 ta' Jannar 1997.*

*Ghalhekk hemm distinzjoni fundamentali bejn il-kuncett tal-kawtela ma' dik ta' garanzija tad-drittijiet. Wara l-kawtela tal-mandat ikun hemm bzonn li d-dritt tal-parti tigi msahha u mwettqa b'sentenza in segwitu ta' citazzjoni. Din ghandha tkun marbuta mal-pretensjoni tal-attur u mhux rikonferma ta' digriet gja moghti."*

Il-Qorti tqis li l-azzjoni attrici tfalli fuq dan il-punt. Dak li hija qeghda titlob huwa:

1. Il-konferma tad-digriet tal-31 ta' Lulju 2015 li bih giet milqugha t-talba taghha ghall-Mandat I'Inibizzjoni in kwistjoni;
2. Iz-zamma fis-sehh tal-istess Mandat t'Inibizzjoni in vista tal-proceduri ta' separazzjoni sakemm dawn isiru *res judicata*.

Fuq ammissjoni tal-attrici stess fit-talbiet taghha,*"il-mertu tal-mandat t'inibizzjoni jifforma parti sostanzjali mill-komunjoni tal-akkwisti."* **Il-Qorti tqis li fil-kuntest tal-kaz, id-dritt sostantiv ta' Susan Busuttil huwa dak li**

**permezz tiegħu titlob l-affermazzjoni tat-titolu tagħha fuq il-komunjoni tal-akkwisti**, liema dritt mhuwhiex imfittex mill-attrici fil-kaz tal-lum. B'hekk l-azzjoni odjerna ma twassal imkien ħlief għall-fatt li l-istess mertu li kien il-qofol tal-proceduri fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni jerga' jigi dibattut fuq livell kawtelatorju u xejn aktar.

**Għalhekk, it-talba attrici sabiex izzomm fis-seħħ il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1854/2014 li hija l-unika talba f'dawn il-proceduri, hija legalment insostenibbli.**

Inoltre, dwar l-argument tal-attrici illi hija fetħet il-kawza odjerna sabiex tottempra ruħha mat-terminu ta' għoxrin jum impost mill-artikolu 843 (1) u (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tissottolinea li l-Mandat t'Inibizzjoni li nħareg favur l-attrici huwa wieħed fil-kuntest ta' separazzjoni personali bejn il-koppja Busuttil. Issir għalhekk referenza għall-artikolu 876 tal-Kap 12 li fis-sub-artikoli (1) u (2) jipprovdi hekk –

*"876. (1) Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni persona li, il-parti tista' titlob lil dik il-qorti li toħroġ mandat ta' inibizzjoni:*

*(a) kontra l-parti l-oħra fiż-żwieġ fejn ma tħallix lil dik il-parti l-oħra li tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma f'xi soċjetà kummerċjali jekk dawn l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti; jew*

*(b) kontra xi soċjetà li fiha l-parti l-oħra jkollha maġġoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti milli tbiegħ, tneħħi, titrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin magħha li tkun proprjetà ta' dik is-soċjetà kummerċjali; jew*

*(ċ) kontra l-parti l-oħra fiż-żwieġ milli tagħmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti.*

***(2) It-talba msemmija fis-subartikolu (1) <u>tista' ssir f'kull żmien wara li r-rikors ikun ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili u sakemm tingħata s-sentenza finali għal dik l-azzjoni ta' separazzjoni jew divorzju</u>. It-talba tista' wkoll issir fejn hi l-parti l-oħra li għamlet ir-rikors[7]."***

Ma hemm ebda dubju ghalhekk li talba ghal Mandati ta' din ix-xorta tista' ssir f'kull zmien sakemm tinghata s-sentenza finali ta' separazzjoni. Ghalhekk irrispettivament mill-fatt li l-kawza ta' separazzjoni tkun giet intavolata qabel jew wara l-hrug tal-mandat kawtelatorju, hija dik l-istess kawza ta' separazzjoni li zzomm fis-sehh dak l-istess mandat u dan bhala l-kawza li fiha jkun qieghed jigi mfittex l-affermazzjoni tad-dritt sostantiv innifsu.

Applikat dan kollu ai fini tal-kaz odjern dan ifisser li ghalkemm din il-Qorti diversament preseduta fil-proceduri tal-Mandat t'Inibizzjoni fl-ismijiet premessi Nru 1854/14 gustament ikkonfermat li l-artikolu 876 tal-Kap 12 ma kienx jipprekludi lil Susan Busuttil milli tadixxi quddiem Prim Awla tal-Qorti Civili minflok il-Qorti Civili Sezzjoni Familja sabiex tottjeni l-hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni in kwistjoni, dan ma jfissirx pero' li in segwitu ghall-hrug ta' tali Mandat fil-31 ta' Lulju 2015, hija kellha tiftah proceduri **<u>ohrajn</u>** a tenur tal-artikolu 843 tal-Kap 12 ghall-konferma tad-dritt sostantiv kawtelat bil-Mandat meta l-pretensjonijiet taghha ghall-konferma tad-dritt sostantiv taghha kienu diga' jiffurmaw parti mill-proceduri ta' separazzjoni li kienu gew intavolati fil-frattemp (9 ta' Lulju 2015).

**Fi ftit kliem ghalhekk, huma l-proceduri ta' separazzjoni Rik Nru 155/15 bejn il-konjugi Busuttil - li kif jidher car mill-atti prezentati[8], fihom qeghdin jigu dibattuti l-kwistjonijiet kollha ta' dritt sostantiv li jolqtu l-mertu tal-Mandat t'Inibizzjoni Nru 1854/14 – illi huma l-proceduri idonei biex izommu fis-sehh il-Mandat imsemmi sakemm jintemmu dawk l-istess proceduri. Dan kollu huwa wkoll ammess u hemm qbil dwaru mill-konvenut Saviour Busuttil[9].**

Ghaldaqstant, u safejn kompatibbli ma' dak appena deciz, din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut sejra tintlaqa'.

---

[7] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[8] Fol 154 et seq
[9] Trattazzjoni a fol 151

**It-tieni eccezzjoni preliminari**

Din l-eccezzjoni tghid hekk:

*"2. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti illi kif stqarret ir-rikorrenti nnifisha, bhalissa ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali, madanakollu ghal ragunijiet li tafhom hi biss, hija ntavolat il-mandat ta' inibizzjoni u l-kawza odjerna biex tikkawtela sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili. Bir-rispett, ghal darb'ohra jigi sottomess, illi l-Mandat ta' Inibizzjoni li ppreceda l-kawza odjerna, ma seta' qatt jigi ntavolat quddiem din il-Qorti, izda kellu jigi ntavolat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u ghaldaqstant jigi bir-rispett sottomess illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex kompetenza li tisma' u tiddeciedi dan il-mertu."*

Fl-ewwel lok il-Qorti tqis li l-kwistjoni dwar jekk il-Mandat t'Inibizzjoni in kwistjoni setax jigi prezentat quddiem din il-Qorti bhala Prim Awla jew bhala Sezzjoni Familja diga' giet sorvolata bil-konkluzjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-proceduri ta' Inibizzjoni Rik Nru 1854/14 bejn il-konjugi Busuttil u ghalhekk ma hemm ebda lok ta' kummenti ulterjuri dwar dan. Il-Qorti kienet qalet hekk:

*"Illi meta wiehed jezamina l-Artikolu 876 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 768 tal-istess Kapitolu, wiehed ma jistax ma jasalx ghal konkluzjoni illi hija l-Qorti Civili Sezzjoni Familja li hija normalment, izda mhux esklussivament, tenuta skond il-ligi illi tiehu Qrati tal-Gustizzja konjizzjoni tal-Mandat t'Inibizzjoni meta si tratta ta' konjugi li gia intavolaw proceduri ta' separazzjoni personali, jew qeghdin fil-process illi jaghmlu dan.*

*Dan huwa mfisser fil-kliem tal-ligi fuq citat "**Meta parti fiż-żwieġ tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali...**".*

*Illi l-Qrati taghna, pero' akkordaw il-protezzjoni lil mara mizzewga u akkordaw Mandat t-Inibizzjoni skond l-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12, fil-proceduri ta' Mandat t'Inibizzjoni fl-ismijiet **Pauline Castillo vs Arthur Castillo, Vascas Enterprises Limited, Studio Ceramics and Jewellers Limited, Cava Company Limited u Guetta Ent Limited, per Onor. Imħallef T. Mallia deciz fit-18 ta' Settembru 2008**, u irritenew illi:*

*"fil-fehma tal-Qorti il-procedura partikolari kontemplata fl-Artikolu 876 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta* ***ma teskludiex l-uzu, f'cirkostanzi differenti, tal-proceduri generali, kontemplata fl-Artikolu 873 tal-istess Kap.12****, aktar u aktar meta ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 876 ma jidhirx illi hemm obbligu fuq il-Qorti tas-smiegh kif kontemplat ghal kazijiet elenkati fl-Artikolu 873." (Enfasi ta' din il-Qorti)*

*Dik il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 873 tal-Kap 12. akkordat lir-rikorrent ezekutanti l-inibizzjoni mitluba mhux biss ta' beni fl-isem l-intimat personalment imma wkoll fir-rigward ta' beni tas-socjetajiet intimati.*

*Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat pro et noe."*

Ferm il-premess pero', u ghar-ragunjiet moghtija fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni preliminari, fic-cirkustanzi tal-kaz odjern, hija pero' l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), u mhux din il-Qorti fil-kompetena taghha ta' Prim Awla, li hija munita mill-ligi bil-kompetenza biex tisma' u tiddeciedi l-**mertu tad-dritt sostantiv** li jolqot dak kollu kawtelat bil-Mandat t'Inibizzjoni in kwistjoni, ghad-differenza tas-smigh ta' l-istess mandat. Dan kif provdut fir-regolament 4 et seq tar-*Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja)*[10].

Ghalhekk, u safejn biss kompatibbli ma' dak li appena nghad, it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut hija wkoll gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut safejn kompatibbli ma' dak hawn deciz;**

2. **Tiddikjara li l-azzjoni attrici, kif redatta, mhijiex guridikament proponibbli peress li qeghda tfittex biss il-konferma tal-Mandat Kawtelatorju Nru.1854/14 fl-ismijiet *Susan Busuttil vs Saviour Busuttil pro et noe ;***

---

[10] L.S. 12.20

3. **Tiddikjara illi din il-Qorti m'hijiex kompetenti biex tisma' l-mertu tad-dritt sostantiv kawtelat permezz tal-Mandat t'Inibizzjoni msemmi;**

4. **It-talba attrici hija ghaldaqstant infondata fil-fatt u fid-dritt.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess attrici.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**